**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 006/2022**

12 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Viċi-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sur Marco Agius, Sindku , ippresjeda il-laqgħa

### 06.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

06.1.1 Ma kienx hemm.

### 6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

6.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

6.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

6.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

6.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 5/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

6.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur James Cauchi, il-minuti ġew approvati b'hames voti favur u astensjoni wahda.

6.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**6.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

6.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'laqgha li rapprezentanza tal-Kunsill Lokali kellha mas-Sur Ramon Deguara, Direttur Generali tal-Cleansing and Maintenance Division.

6.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi permezz ta' haddiema assenjati u numru ta' inizjativi ohra kien qieghed jimmira illi jaghti spinta fejn jidhol tindif u l-ambjent fil-lokalita'.

6.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-gimgha mqaddsa minbarra li kien ittella' kuncert gewwa l-knisja parrokkjali u kienet inzammet wirja ta' arti sagra fl-Universita' Amerikana ta' Malta, kienu ser ikunu qieghdin jittiehdu numru ta' inizjativi ohra.

**6.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

6.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Jista' fl-agenda tas-Seduti tal-Kunsill Lokali jiddahhal item sabiex il-Kunsilliera jigu aggornati b'azzjonijiet li jkunu ttiehdu b'konnessjoni mas-seduta precedenti?".

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: " Iva, ser niehu hsieb illi l-materja tigi inkluza fis-seduta li jmiss".

6.4.2 Is-Sa. Melanie Agius staqsiet : "Il-Kunsill Lokali ghandu data ta' meta ser jinbeda x-xoghol fuq Triq San Frangisk?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : "Sad-data tas-seduta, ma kien hemm ebda indikazzjoni dwar data li fiha ser jibdew ix-xogholijiet fi Triq San Frangisk".

**6.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

6.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru03/22) ghall-approvazzjoni.

6.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

6.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Frar u Marzu 2022.

6.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**6.6 Quarterly Financial Report Jan-Dec 2022**

6.6.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-perjodu Jannar-Dicembru 2022 u stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall l-istess rapport.

6.6.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega fid-dettall ir-rapport imsemmi, l-istess rapport gie approvat bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti.

**6.7 Sejhiet ghall-offerti**

6.7.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-perit kien skada u kien jinhtieg li tinhareg sejha ghall-offerti dwar il-materja kemm il-darba jkun hemm qbil.

6.7.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti bl-istess kriterja tas-sejha ghall-offerti precedenti.

6.7.3 Il-Kunsill Lokjali gie infurmat illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-contracts manager kien wasal biex jiskadi u kien jintieg li l-Kunsill Lokali jiehu decizjonijiet dwar

sejha ghall-offerti li kien hemm bzonn li tinhareg b'konnessjoni mal-materja imsemmija.

6.7.4 Wara li inqrat direttiva 2/2021 mahruga mid-divizjoni ghall-Gvern Lokali u wara li kien hemm diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti ghal servizz ta' contracts manager fuq bazi part-time. B'dan il-Kunsill Lokali fiehem illi s-servizz kellu jinghata ghal erba' sieghat kuljum mit-tnejn sas-sibt.

**6.8 Business Plan 2022-2026**

6.8.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-amministrazzjoni kienet bdiet thejji abbozz ta' pjan ta' hidma ghas-snin 2022-2026 hekk kif legalment stabbilit.

6.8.2 L-istess abbozz kien ser ikun qieghed jigi pprezentat waqt laqgha tal-lokalita' li kienet ser tkun qieghda tinzamm lejn tmiem April 2022 qabel l-approvazzjoni finali tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali kellu jinzamm aggornat b'eventwali zviluppi dwar il-materja.

**6.9 Laqgha tal-Lokalita' (April 2022)**

6.9.1 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi skont Art. 70 (1)(b) tal-Att dwar il-Gvern Lokali kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali isejjah laqgha tal-lokalita' li matulha jigu pprezentati ir-rapport ta' hidma ghas-sena precedenti u l-pjan ta' hidma ghall-hames snin segwenti. Is-Sindku sahaq illi minhabba l-elezzjoni generali u r-riperkussjonijiet li kellha fuq il-Kunsill Lokali ta' Bormla ma kienx possibbli illi l-laqgha tal-lokalita' tinzamm sal-15 ta' April hekk kif titlob il-ligi.

6.9.2 Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-laqgha tal-lokalita' kellha tinzamm nhar it-28 ta' April 2022.

**6.10 Rapporti**

6.10.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi haddiem ta' District Operations li kien assenjat jaghmel xoghol ma' Kunsill Lokali iehor kien avvicinah u kien offra illi jaghmel xoghol ta' supervizjoni fuq haddiema tal-istess kumpanija. Is-Sur Agius sahaq illi l-istess haddiem kien qieghed jitlob illi jinghata allowance sabiex jaghmel ix-xoghol imsemmi. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha ssir talba formali lil District Operations Ltd. Sabiex l-imsemmi haddiem jigi assenjat jaghmel xoghol mal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Gie deciz ukoll illi l-imsemmi haddiem kellu jinghata allowance ta' mitejn ewro ( VAT u taxxi eskluzi).

6.10.2 Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienu waslu numru ta' talbiet ghal permessi ta' makkinarju f'toroq illi l-Kunsill Lokali kien adotta policy illi ma jinhargux permessi fihom. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm mad-decizjoni li kien ha u ma jinhargux permessi f'toroq specifici.

6.10.3 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'talba sabiex tinghalaq b'mod temporanju Triq San Gorg bil-ghan illi jsir *filming*. Kien hemm qbil illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bl-inizjativa zero waste future programme li kienet qieghda tigi proposta li tigi implimentata fil-lokalita'. Kien hemm qbil illi kemm il-darba jkunu possibbli il-materja kellha tigi adottata ghal-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta' sebgha mija u hamsin ewro bil-ghan illi jsir survey b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippana illi jimplimenta flimkien ma' diversi entitajiet gewwa Triq Nelson.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellha tigi vvotata s-somma ta' mitejn u hamsin ewro bil-ghan illi jinxtara cat food u jitqassam lill-cat feeders li l-istess Kunsill Lokali kellu lista taghhom.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jkun hemm rifuzjoni ta' spejjez ghal hsarat li sidien ta' vetturi garrbu f'zewg toroq fil-lokalita'. Wara li inghataw dettalji lill-Kunsilliera u gew iccirkolati dokumenti li kienu pprezentaw sidien tal-istess vetturi, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellu jkun hemm rifuzjoni fiz-zewg kazi, liema rifuzjoni kienet tammonta ghal Ewro 86.91 u Ewro50.

**6.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

6.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-8:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-17 ta' Mejju 2022 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>17 ta' Mejju, 2022.</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |